QALA

Ref Nru: 13

Il-minuti tat-tlettax-il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 26 ta' April 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier: | Victor Grech |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tnax -il laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tnax -il laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq Hondoq ir-Rummien u parti minn Triq Grunju.**

3.1 Is-Sindku semma li ftit tal-jiem ilu sar xi xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq Hondoq ir-Rummien, il-parti t'isfel tat-triq, mill-Ministeru ghal Ghawdex. Huwa semma li issa ser isir xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq Grunju. Dawn ser isiru minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Kunsillieri ghandhom ikunu jafu bil-progetti li jkunu ser isiru. Huwa semma li huwa ma kienx jaf li ser isir xoghol fi Triq Hondoq ir-Rummien peress li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill dan ma ssemmiex u li sar jaf minghand in-nies. Huwa semma li mhuwiex kontra tax-xoghol

QALA

li sar imma jkun xieraq li l-Kunsillieri jkunu jafu u mhux jsiru jafu minghand in-nies. Is-Sindku semma li kollox gie f'daqqa u li huwa jiskuza ruhhu ta dan.

**4 Id-distillatur fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.**

4.1 Is-Sindku semma l-laqgha li l-Kunsill kellu mal-Ministeru ghal Ghawdex dwar proposti sabiex isir progett fid-distillatur li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-progetti li gew proposti huma *Water Sports Centre, Interactive Science Centre* u *Hostile Centre* ghall-istudenti. Waqt il-laqgha mal-Ministeru, l-Kunsill iddiskuta fuq l-*Interactive Science Centre*. Is-Sindku semma li ser isir kumitat bejn il-Kunsill u l-Ministeru dwar dan.

**5 L-appell dwar il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 3798/02.**

5.1 Tqassmet kopja ta' *draft* ta' l-istqarrija li giet ppreparatha dwar il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02 u giet moqrija. Gie deciz li ghandu jigi mnehhi l-kliem ta' l-ahhar li huwa 'f'ambitu u f'parametri sostenibbli' u li ghandha tinbghat hekk kif giet emendatha. Giet annessa kopja ta' din l-istarrija mal-minuti. Il-Kunsill iddiskuta s-smiegh tal-appell li ser jkun fit-2 ta' Mejju 2013.

**6 B.B.Q. fi 'Gnien il-Familja'.**

6.1 Is-Sindku semma li nhar it-Tlieta 30 t'April 2013 ser ikun il-maltemp u ghalhekk issuggerixxa li l-B.B.Q fi Gnien il-Familja ghandu jigi trasferit ghal nhar il-Gimgha 3 ta' Mejju 2013.

**7 Maratona f'Jum il-Qala.**

7.1 Is-Sindku semma l-maratona li ser tigi organizzatha bhala wahda mill-attivitajiet ghall-okkazzjoni ta' Jum il-Qala.

**8 *Caravans* f'Hondoq ir-Rummien.**

8.1 Is-Sindku semma li s-sena l-ohra l-Kunsill kien qed ikollu diversi ilmenti dwar il-*caravans* li kienu armati f'Hondoq ir-Rummien. Huwa ccekkja dwar il-permessi li ghandhom bzonn dawn il-*caravans* u semma li permessi ta' dan it-tip ma jistghux jinhargu mill-Kunsill izda mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta` li jsir *bye law*.

## 9 Materji ohra.

9.1 Is-Sindku semma li l-Ghaqda Briju San Guzepp informaw xi *bands* sabiex jigu mistiedna jdoqqu fl-attivita` ta' 'Hondoq by Night'.

9.2 Is-Sindku ressaq proposta mill-Iskola Primarja Qala sabiex il-Kunsill jiffirma ftehim mal-iskola ghal kiri tas-sala ta' l-istess skola ghal €200 fis-sena fejn issoltu l-kiri ta' din is-sala hija ta' €50 kull darba li tintuza. Is-Sindku semma li dan l-ahhar il-Kunsill ghamel uzu kemm il-darba minn din is-sala minhabba l-korsijiet li organizza l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ffirmat dan il-ftehim.

9.3 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ghad baqalu xi *savings* mill-progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 EAFRD u ghalhekk saret talba lill-MSDEC sabiex dawn jigu trasferti ghal progett ghat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp. Giet trattata ittra mibghuta mill-Kunsill lill-Kurja datata 22 t'April 2013 dwar il-propost progett ta' Pjazza San Guzepp.

9.4 Is-Sindku ressaq talba li qed jaghmel Eric Mercieca li huwa *designer* fejn qed jitlob sabiex jigi mhallas ghad-disinnjar tas-sala tal-komunita`. Il-Kunsill iddiskuta li dan diga` nghata s-somma ta' €1,050 bhala *contracts management fee* fuq il-kuntratt ghal xogholijiet fuq is-sala tal-komunita`. Is-Sindku semma li normalment id-disinnjar ikun inkluz mal-*contracts management fee*. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa ma jiftakarx ezatt kif kien sar il-ftehim ma Eric, meta huwa dak iz-zmien kien jokkupa l-Kariga ta' Sindku. Is-Sindku semma li huwa ser jikkuntatja lil Eric sabiex jara ezatt x'hin is-sitwazzjoni. Giet trattata wkoll ittra mibghuta minn Eric Mercieca dwar dan.

9.5 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-26 ta' Marzu 2013 sas-26 ta' April 2013 minn referenza numru 60/13 sa referenza numru 73/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 01/2013 sa referenza numru 9/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

## 10. Korrispondenza.

10.1 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza sabiex tigi trattata.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 24 ta' Mejju 2013.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |